

It-tieni aggravju: applikazzjoni żbaljata min-naħħa tal-Qorti Ĝeneralni tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

It-tielet aggravju: applikazzjoni żbaljata min-naħħa tal-Qorti Ĝeneralni tal-prinċipji applikabbli għall-irkupru tal-ghajjnuna.

(¹) EU:T:2020:434

(²) ČU 2014, L 114, p. 1

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Judicial da Comarca do Porto Este – Penafiel – Juízo Trabalho (il-Portugall) fit-21 ta' Diċembru 2020 – B vs O, P, OP, G, N

(Kawża C-691/20)

(2021/C 110/16)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Judicial da Comarca do Porto Este – Penafiel – Juízo Trabalho

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: B

Konvenuti: O, P, OP, G, N

Domanda preliminari

L-esklużjoni tal-applikazzjoni tar-regoli previsti fl-Artikolu 334 tal-Código de Trabalho (il-Kodiċi tax-Xogħol) għall-impriżi li għandhom is-sede tagħħom fi Stat Membru ieħor, bis-saħħha tar-regoli previsti fl-Artikolu 481(2) tal-Código das Sociedades Comerciais (CSC) (il-Kodiċi tal-Kumpanniji Kummerċjali), hija kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'mod spċificu l-Artikolu 18 TFUE?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (Ir-Renju Unit) fit-22 ta' Diċembru 2020 – Fenix International Limited vs Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs

(Kawża C-695/20)

(2021/C 110/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

First-tier Tribunal (Tax Chamber)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Fenix International Limited

Konvenut: Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs

Domanda preliminari

L-Artikolu 9a tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implementazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (¹), miżjud permezz tal-Artikolu 1(1)(c) tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1042/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward tal-post tal-forniment ta' servizzi (²), huwa invalidu minħabba li jmur lil hinn mill-kompetenza jew mill-obbligu ta' implementazzjoni tal-Kunsill stabbiliti fl-Artikolu 397 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (³) sa fejn jikkompleta u/jew jemenda l-Artikolu 28 ta-Direttiva 2006/112?

(¹) ĠU 2011, L 77, p. 1.

(²) ĠU 2013, L 284, p. 1.

(³) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettiffika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonia) fil-21 ta' Diċembru 2020 – B vs Dyrektor Izby Skarbowej w W.

(Kawża C-696/20)

(2021/C 110/18)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Naczelny Sąd Administracyjny

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: B

Konvenut: Dyrektor Izby Skarbowej w W

Domanda preliminari

L-Artikolu 41 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (¹) kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità u ta' newtralità jipprekludu l-applikazzjoni, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ta' dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 25(2) tal-ustawa z dnia 11 marca 2004 r. o podatku od towarów i usług (il-Liġi tal-11 ta' Marzu 2004 dwar it-Taxxa fuq Oġġetti u Servizzi) għal tranżazzjonijiet ta' akkwist intra-Komunitarju mwettqa mill-persuna taxxabbi,

- jekk digħi kienet ġiet applikata t-taxxa fuq dan l-akkwist fit-territorju tal-Istat Membru li fih tispicċċa l-merkanzija mix-xernej tal-oġġetti ta' din il-persuna taxxabbi,
- fejn ġie kkonstatat li l-agħir tal-persuna taxxabbi ma kienx relatav ma' xi tip ta' frodi tat-taxxa iżda kien ir-riżultat ta' identifikazzjoni żabaljata ta' provvisti fi tranżazzjonijiet f'katina u n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT Pollakk ingħata minnha għal htigħiġiet ta' provvista nazzjonali u mhux intra-Komunitarja?

(¹) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettiffika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court of Justice Business and Property Courts of England and Wales (Ir-Renju Unit) fit-22 ta' Diċembru 2020 – London Steam-Ship Owners' Mutual Insurance Association Limited vs Ir-Renju ta' Spanja

(Kawża C-700/20)

(2021/C 110/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

High Court of Justice Business and Property Courts of England and Wales